**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024**

**Talba Nru: 432/2023MD**

**Associated Marketing Limited (C 16629)**

**Vs**

**William Hales (K.I. 0279483M)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-30 ta' Novembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) (VAT inkluż) rappreżentanti flus dovuti għall-ordni ta' materjal li ġie kkonsenjat lil konvenut mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut għan-negozju tiegħu Happy Kids Stationery; bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-ewwel fattura pendenti u ċioe' mil-24 ta' Awissu, 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta' Frar, 2024[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt illi hu xtara l-materjal mingħand is-soċjeta' attriċi għan-negozju tiegħu.*

*Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt li għandu jħallas lis-soċjeta' attriċi ta' dan il-materjal, in fatti, l-ammont dovut mhux qed jiġi kkontestat sa fejn jikkonċerna l-prezz tal-materjal, u ċioe' fl-ammont ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73).*

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 15 et seq tal-proċess

*Illi r-raġuni għalfejn il-konvenut ma ħallasx din is-somma hija għaliex is-soċjeta' attriċi nterpellat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżimu (€1,322.54), hekk kif rifless fl-ittra legali annessa u mmarkata bħala Dok A. Il-konvenut, staqsa għal spjegazzjoni mingħand is-soċjeta' attriċi qabel ma jħallas dan l-ammont, iżda dan ma ngħata l-ebda spjegazzjoni u minflok ġie ppreżentat bil-preżenti talba.*

*Illi l-konvenut lest li jħallas is-somma ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) rappreżentanti l-ħlas komplut tal-materjal li ngħata lilu mingħand is-soċjeta' attriċi, iżda jikkontesta illi hu għandu jinżamm responsabbli li jħallas l-imgħax fuq tali ammont.*

Ra x-xhieda prodotta;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) (VAT inkluż) rappreżentanti flus dovuti għall-ordni ta' materjal li ġie kkonsenjat lil konvenut mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut għan-negozju tiegħu Happy Kids Stationery, liema somma minkejja li l-konvenut ġie interpellat baqa' ma ħallasx. Il-konvenut ma jikkontestax l-fatt li hu xtara mingħand is-soċjeta' attriċi għan-negozju tiegħu u lanqas is-somma pretiża, iżda ma ħallasx din is-somma għaliex huwa ġie interpellat sabiex iħallas is-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżimu (€1,322.54) u meta staqsa għal spjegazzjoni mingħand is-soċjeta' attriċi qabel ma jħallas dan l-ammont ma ngħata l-ebda spjegazzjoni u minflok ġie ppreżentat bil-preżenti talba. Huwa lest li jħallas is-somma ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) rappreżentanti l-ħlas komplut tal-materjal li ngħata lilu mingħand is-soċjeta' attriċi, iżda jikkontesta illi hu għandu jinżamm responsabbli li jħallas l-imgħax fuq tali ammont.

**Xhieda prodotta**

Sema lil **Antonia Vella Bonanno**[3] bħala Managing Director tas-soċjeta' attriċi fejn ikkonfermat li l-konvenut għadu ma ħallasx l-ammont pretiż u kkonfermat il-fatturi ppreżentanti mal-Avviż[4]. Spjegat li l-ewwel fattura kienet datata 24 ta' Awissu, 2022.

[3] A fol 22 tal-proċess, xhieda datata 9 ta' April, 2024
[4] A fol 6 et seq tal-proċess

**Kunsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra li l-kontestazzjoni tal-konvenut hija limitatament dwar l-imgħax.

Ikkunsidra li fis-seduta tad-9 ta' April, 2024[5], l-avukat difensur tal-konvenut għaddha ċekk bis-*sorte*, fl-ammont ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) lill-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi.

Ikkunsidra li fid-9 ta' Mejju, 2024[6], l-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi kkonfermat li ċ-ċekk mgħoddi mill-avukat difensur tal-konvenut issarraf.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi limitatament dwar l-imgħax stante li s-*sorte* tal-kawża odjerna ġie imħallas.

Mill-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet[7], fejn ma ġietx ikkontentesta la l-veraċita' tal-istess u lanqas ma ġiet kontradetta mil-konvenut jirriżulta li tipprovdi dwar l-imgħaxijiet jekk il-ħlasijiet dovuti ma jitħallsux sa disgħin ġurnata mid-data tal-fattura:

> *Finally I/We declare that interest at the going bank rate may be charged to the debtors by the Company should payments of the balance due, do not reach the Company within 90 days from the date of invoice.*

Jirriżulta li l-ħlasijiet tal-erbgħa fatturi saru fis-seduta tad-9 ta' April, 2024. Għalkemm il-konvenut qed jikkontesta l-imgħaxijiet ma ppreżenta l-ebda prova għaliex il-ħlasijiet ma sarux qabel skont l-iskrittura li huwa firmatarju huwa stess u anke meta huwa stess ammetta fir-risposta mressqa minnu li l-ammont huwa dovut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talba attriċi limitatament dwar is-*sorte* stante li sar il-ħlas tal-istess fis-seduta tad-9 ta' April, 2024 filwaqt li jordna lil konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-imgħax dekorribbli fuq s-somma ta' elf, u disgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,049.73) mit-2 ta' Jannar, 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv[9].

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[5] A fol 21 tal-proċess

[6] A fol 35 tal-proċess

[7] A fol 4 tal-proċess

[8] Mid-data tal-aħħar fattura, a fol 10 tal-proċess

[9] Sad-9 ta' April, 2024, meta il-konvenut ħallas is-sorte, a fol 21 tal-proċess